**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta’ Ottubru, 2017

Rikors Nru : 314/17AL

AB
Vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta’ Settembru tas-sena elf disgha mija tmienja u tmenin (1988), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. ‘A’**.

2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewgt itfal, senjatament illi llum ghandhom sebgha u ghoxrin sena (27) u hamsa u ghoxrin (25) sena rispettivament u li ghaldaqstant huma t-tnejn maggorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Antoine Agius, illi kopja awtentika tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. ‘B’**.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin b’rabtiet familjari godda.

4. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma’ kwalunkwe hlas ta’ manteniment pagabbli ghal uliedhom, b’dan illi t-tfal huma l-fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena, kif fuq spjegat.

5. Illi minn naha l-ohra l-esponenti rrinunzja ghad-dritt tieghu illi jiricevi manteniment minghand l-intimata, ai termini tal-klawsola numru hamsa (5) ta’ l-imsemmi kuntratt, filwaqt illi l-manteniment dovut mill-esponenti lill-intimata ghall-bzonnijiet taghha ai termini tal-klawsola numru erbgha (4) dejjem thallas u ghadu jithallas mill-esponenti regolarment skond it-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-istess klawsola.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit ta’ l-esponenti nnifsu, liema affidavit qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **‘Dok. ‘C’**.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi l-esponenti tippremetti illi f'dan il-kaz jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kap. XIV tal-Ligijiet ta' Malta;

- Il-partijiet ilhom is-snin separati ghal aktar minn erba snin rikjesti mill-ligi;
- Ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazjoni bejniethom;
- Iz-zewgt itfal komuni taghhom Nigel u Karl ahwa Ellul Sullivan illum huma maggorenni u anke ghalqu l-eta' ta' 23 sena;
- L-esponenti ma ghandha tiehu l-ebda arretrati ta' manteniment;

Illi dan premess u dikjarat l-esponenti mhijiex qed topponi ghad-divorzju taz-zwieg taghha celebrat mar-rikorrenti fil-11 ta' Setetmbru 1988, b'dan pero' li ghandhom jibqghu impregudikati l-kundizzjonijiet, in kwantu applikabbli, tas-separazzjoni personali ffirmat konsenswalment fis-26 ta' April 2007, in atti Nutar Dottor Antoine Agius;

Konsegwentement hija ma ghandha tbati l-ebda spejjez ta' dan id-divorzju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Awwissu 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' April 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.